MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 998/2007

**Paolo Bonnici Limited (C-4186)**

**vs**

**Joseph sive Joe Vella (ID329254M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti datat 27 ta' Settembru 2008 fejn gie premess:

Illi bi skrittura tat-27 t'Ottubru,2003 u approvata fil-5 ta' Novembru,2003, Dok A annessa – *Credit Application Form*, is- socjeta' attrici kkoncediet kreditu lill-konvenut ta' disghin (90) gurnata, b'limitu ta' erbghin elf lira Maltin (Lm40,000 = €93,174.94) bil- kundizzjoni, fost ohrajn li l-istess konvenut assuma r-responsabbilta' personali ghall-hlas.

Illi kif jidher minn l-*Statement* immarkat Dok B, il-konvenut ghandu jghati lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, mitejn u sittin lira Maltin u erbgha u tletin centezmi (Lm21,260.34 = €49, J J 523.27) bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija varja lilhom mibjugha u kkonsenjata. L-ahhar *invoice* kellha tithallas mhux aktar tard mis-25 t' April, 2007.

Illi l-konvenut baqa' nadempjenti *nonostante* interpellazzjoni 22 t'April, 2007 – Dok C.

Illi l-ammont pretiz hu liwkidu, cert u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjoni x'jaghti biex jikkontesta t-talba ghall-hlas.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet li l-intimat jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tikkundanna lill-konvenut Joseph sive Joe Vella jhallas lis- socjeta' attrici s-somma ta' disgha u erbghin elf, hames mija u tlieta u ghoxrin punt sebgha u ghoxrin Euro (€49,523.27) l-ekwivalenti ta' wiehed u ghoxrin elf, mitejn u sittin lira Maltin u erbgha u tletin centezmi (Lm21,260.34) bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija varja lilu mibjugha u kkonsenjata kif fuq intqal, u dan bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, *in vista* tad-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta' attrici fit-termini ta' l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap.12.

Bl-ispejjez, bl-imghax legali mill-25 t' April,2007 sa liema data kellu jsir il-hlas, bl-ispejjez tal- mandati kawtelatorji ta' Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-intimat debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa' kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma deher.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti**, b'dan illi:

1. Tikkundanna lill-konvenut Joseph sive Joe Vella jhallas lis- socjeta' attrici s-somma ta' disgha u erbghin elf, hames mija u tlieta u ghoxrin punt sebgha u ghoxrin Euro (€49,523.27) l-ekwivalenti ta' wiehed u ghoxrin elf, mitejn u sittin lira Maltin u erbgha u tletin centezmi (Lm21,260.34) bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija varja lilu mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez, bl-imghax legali mill-25 t' April,2007 sa liema data kellu jsir il-hlas, bl-ispejjez tal-mandati kawtelatorji ta' Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------